



## **IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI TIEGĦEK**

**Din l-istqarrija ta' privatezza tipprovdi informazzjoni dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-*data* personali tiegħek.**

**Operazzjoni ta' pproċessar:** Il-ġestjoni tal-arkivji tal-Kummissjoni, inkluż fir-repożitorju tal-arkivji diġitali tal-Kummissjoni, a-REP

**Kontrollur tad-*Data*:** SG.C.1-Transparenza, Ġestjoni tad-Dokumenti u l-Aċċess għad-Dokumenti

**Referenza tar-reġistrazzjoni:** DPR-EC-00837

### **Werrej**

- 1. Introduzzjoni**
- 2. Għaliex u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?**
- 3. Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?**
- 4. Liema *data* personali niġbru u nipproċessaw b'mod ulterjuri?**
- 5. Għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali tiegħek?**
- 6. Kif niproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?**
- 7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi divulgata?**
- 8. X'inhuma jeddijietek u kif tista' teżerċitahom?**
- 9. Informazzjoni ta' kuntatt**
- 10. Fejn tista' ssib aktar informazzjoni dettaljata?**

## 1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") tintrabat li tiproteġi d-*data* personali tiegħek u li tħares il-privatezza tiegħek. Il-Kummissjoni tiġbor u tipproċessa b'mod ulterjuri d-*data* personali skont [ir-Regolament \(UE\) 2018/1725](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001).

Din l-istqarrija tal-privatezza tispjega għalfejn nipproċessaw id-*data* personali tiegħek, il-mod kif niġbru u nittrattaw id-*data* personali kollha li tingħata, u kif niżguraw il-protezzjoni tagħha, kif tintuża dik l-informazzjoni, u x'inhuma jeddijietek b'rabta mad-*data* personali tiegħek. Tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-*Data* responsabbli li tista' teżerċita jeddijietek miegħu, tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

Din l-istqarrija ta' privatezza tikkonċerna l-operazzjoni ta' pproċessar "Ġestjoni tal-arkivji tal-Kummissjoni Ewropea", imwettqa minn SG.C.1 – Trasparenza, Ġestjoni tad-Dokumenti – Aċċess għad-Dokumenti.

Is-servizz tal-Arkivji Storiċi tal-Kummissjoni (OIB.LS1.002) iwettaq parti mill-ipproċessar ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar li tmur lil hinn mit-trasferiment tal-fajls lis-Servizz tal-Arkivji Storiċi. Is-servizz tal-Arkivji Storiċi jipproċessa d-*data* personali biex jivvaluta l-arkivji sottomessi għat-trasferiment, biex jinġema', jipproċessa u jimmaniġġja kontenut trasferit, iwettaq tfittxijiet fuqu u jagħmilha disponibbli għad-dipartimenti jew is-servizzi tal-Kummissjoni fuq talba. Is-servizz tal-Arkivji Storiċi jiddeskrivi l-kontenut trasferit u jirrevedi l-aċċessibbiltà tiegħu kontra l-eċċezzjonijiet għall-iżvelar previsti fir-Regolament tal-Kunsill Nru 354/83 u jiddepożitah fl-Istitut Universitarju Ewropew (EUI) f'Firenze, l-Italja, wara li fetaħ l-arkivji magħżula għall-pubbliku skont dan ir-Regolament tal-Kunsill.

Kull dipartiment jew servizz tal-Kummissjoni li jittrasferixxi l-fajls lis-Servizz tal-Arkivji Storiċi jipproċessa d-*data* personali koperta minn dan ir-rekord bħala kontrollur "de facto".

L-Istitut Universitarju Ewropew, stabbilit f'Firenze (l-Italja), jaġixxi bħala proċessur skont l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni. Huwa jipproċessa d-*data* personali li tinsab fl-arkivji storiċi tal-Kummissjoni matul il-kompitu tiegħu li jiżgura l-preservazzjoni u l-protezzjoni tal-arkivji depożitati u jagħmel l-arkivji storiċi disponibbli għall-pubbliku. Tista' ssib aktar informazzjoni dettaljata dwar ir-rwol tal-EUI fil-kapitolu 6 ta' din l-istqarrija ta' privatezza.

## 2. Għaliex u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?

Il-finijiet tal-operazzjoni tal-ipproċessar: il-Kummissjoni tiġbor u tuża l-informazzjoni personali tiegħek biex

- tiżgura li d-dokumenti ta' valur storiku jew amministrattiv jintgħażlu għall-preservazzjoni permanenti u jinfetħu għall-pubbliku kull fejn ikun possibbli, kif meħtieġ mir-Regolament dwar l-Arkivji<sup>1</sup>. Kif meħtieġ ukoll mir-Regolament dwar l-Arkivji, wara li jinfetħu għall-pubbliku, l-arkivji storiċi tal-Kummissjoni jiġu ddepożitati fl-Arkivji Storiċi tal-UE fl-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze, l-Italja.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 354/83 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1)

- tkun tista' tirkupra dokumenti tal-Kummissjoni arkivjati sabiex jissodisfaw finijiet ta' negozju intern, inkluż il-kontinwità tan-negozju u l-ipproċessar ta' talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti.
- tippermetti lill-arkivisti, lill-professjonisti tal-ġestjoni tad-dokumenti u lil persunal ieħor tal-Kummissjoni biex ikunu jistgħu jużaw l-applikazzjoni tal-IT għall-preservazzjoni diġitali fit-tul (a-REP).

Id-*data* personali ma tkunx oriġinarjament inġabret u ġiet ipproċessata biex tiġi ġestita u preservata f'dokumenti arkivjati. L-ipproċessar ta' *data* personali huwa meħtieġ għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku. Id-*data* personali li tinsab fid-dokumenti ttrasferiti fl-arkivji storiċi hija parti integrali u neċessarja minn dawn id-dokumenti. Mingħajr din id-*data* personali d-dokumenti ma jkunux kompluti u jitilfu l-valur storiku, legali u/jew amministrattiv tagħhom, jiġifieri jitilfu l-valur li għalih jinżammu bħala arkivji. Madankollu, qabel ma d-dokumenti jiġu ttrasferiti fl-arkivji storiċi, jittieħdu għadd ta' passi ta' prekawzjoni bħala salvagwardji biex jiġi żgurat li d-dokumenti li jkun fihom *data* personali sensitiva jew ma jiġux ittrasferiti fl-arkivji storiċi jew jiġu mmarkati sabiex ikunu jistgħu jiġu protetti kif xieraq.

Id-*data* personali tiegħek *mhix* se tintuża għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, inkluż għat-*tfassil* tal-profil.

### **3. Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-*data* personali tiegħek**

Nipproċessaw id-*data* personali tiegħek, għaliex:

- (a) l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' xi kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni;
- (b) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-konformità ma' xi obbligu legali li l-Kontrollur tad-*Data* ikun soġġett għalih.

Id-dritt tal-Unjoni li jservi bħala l-bażi għall-ipproċessar imsemmi hawn fuq huwa [r-Regolament tal-Kunsill \(KEE, Euratom\) Nru 354/83](#)<sup>2</sup> dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020)4482 dwar il-ġestjoni tar-rekords u l-arkivji li kienet ippubblikata bħala [d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2021/2121](#).

### **4. Liema *data* personali niġbru u nipproċessaw b'mod ulterjuri?**

Sabiex issir din l-operazzjoni tal-ipproċessar, aħna niġbru l-kategoriji li ġejjin ta' *data* personali:

*Data* personali li tista' tkun inkluża fid-dokumenti trasferiti fl-arkivji storiċi jew fil-metadata tagħhom. Kwalunkwe *data* personali bħal din tkun inġabret mis-servizzi ta' oriġini qabel it-trasferiment tagħha għall-arkivji storiċi.

Il-metadata tista' tinkludi

- L-isem;
- Il-funzjoni;
- Id-dettalji ta' kuntatt (l-indirizz elettroniku, in-numru tat-telefown, in-numru tal-mowbajl, in-numru tal-fax, l-indirizz postali, il-kumpanija u d-dipartiment, il-pajjiż ta' residenza, l-indirizz IP, eċċ).

<sup>2</sup> ĠU L 43, 15.2.1983, p.1

Id-*data* personali tista' wkoll tkun inkluża fid-dokumenti nfushom. Ta' min jinnota li ammont kbir ta' kategoriji speċjali ta' *data* li jaqgħu taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi fajls tal-persunal, fajls tas-saħħa u fajls dwar proċedimenti dixiplinari, ma jiġux trasferiti għall-arkivji storiċi. Madankollu, id-dokumenti ttrasferiti fl-arkivji storiċi jista' jkun fihom *data* personali sensitiva, inklużi kategoriji speċjali ta' *data*. F'dan il-każ il-fajls ikkonċernati jiġu mmarkati mis-servizz ta' trasferiment u l-aċċess għalihom huwa ristrett. L-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku huwa bbażat fuq l-Artikolu 10(2)(j) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Aħna ksibna d-*data* personali tiegħek mid-dokumenti li ġew trasferiti għall-arkivji storiċi tal-Kummissjoni Ewropea mid-Direttorati Ġenerali u s-servizzi tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, fil-każ ta' persunal intern tal-Kummissjoni li jkunu utenti tar-repożitorju tal-arkivji diġitali tal-Kummissjoni (a-REP), id-*data* personali li ġejja se tinġabar minn proċessi speċifiċi:

- ***Data personali fir-rekord tal-awditjar u data tal-fluss tax-xogħol***  
L-isem, il-kunjom, id-dipartiment, l-indirizz elettroniku tal-awturi(i) jew il-parteċipant(i) involut(i) f'azzjonijiet ta' ġestjoni tal-arkivji fil-livell ta' metadata.
- ***Data personali fil-ġestjoni tal-aċċess u d-data ta' kontroll:***  
L-isem, il-kunjom, id-dipartiment, l-indirizz tal-posta elektronika u d-drittijiet ta' aċċess individwali ta' utent jistgħu jiġu pproċessati.

## **5. Għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali tiegħek?**

Aħna nżommu d-*data* personali tiegħek biss għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-ġbir jew tal-ipproċessar ulterjuri, jiġifieri għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku. Fil-fatt, l-ipproċessar ta' *data* personali għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku jibda meta d-dokumenti kkonċernati jiġu ttrasferiti fl-arkivji storiċi f'konformità mal-Lista Komuni ta' Ritenzjoni tal-Kummissjoni. Id-*data* personali tista' tinżamm b'mod indefinit f'każ li d-dokument ikkonċernat jintgħażel għal preservazzjoni permanenti. L-ipproċessar jieqaf f'każ li d-dokument ikkonċernat jintgħażel għall-eliminazzjoni wara t-tieni rieżami, li jseħħ bejn 25 u 30 sena wara l-ħolqien tiegħu.

Id-*data* personali tal-persunal intern tal-Kummissjoni fir-rekords tal-awditjar u l-flussi tax-xogħol se tinżamm sakemm jinżammu l-fajls u d-dokumenti li magħhom ikunu relatati.

## **6. Kif niproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?**

Id-*data* personali kollha f'format elettroniku (posta elektronika, dokumenti, bażijiet tad-*data*, lottijiet ta' *data* mtellgħa, eċċ.) tinħażen jew fuq is-servers tal-Kummissjoni Ewropea jew fuq dawk tal-kuntratturi tagħha. L-operazzjonijiet tal-ipproċessar jitwettqu kollha skont [id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE, Euratom\) 2017/46](#) tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex tiproteġi d-*data* personali tiegħek, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ għadd ta' miżuri tekniċi u organizzazzjonali. Il-miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa biex jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju ta' telf tad-*data*, l-alternazzjoni tad-*data* jew l-aċċess mhux awtorizzat, b'kunsiderazzjoni tar-riskju ppreżentat mill-ipproċessar u n-natura tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata. Il-miżuri organizzattivi jinkludu li l-aċċess għad-*data* personali jkun limitat għall-persuni awtorizzati biss bi ħtieġa leġittima li jiksbu tagħrif għall-fini ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar.

Għal kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar f'isem il-Kummissjoni, l-Istitut Universitarju Ewropew (EUI), fejn il-Kummissjoni tiddepożita l-arkivji storiċi tagħha wara li jkunu nfetħu għall-pubbliku, huwa marbut li jikkonforma mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* permezz tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija (FPA) li ffirmat mal-Kummissjoni f'Marzu 2019 (u kwalunkwe verżjoni mġedda aġġornata kull 5 snin). Dan l-FPA huwa strument legalment vinkolanti u infurzabbli. Dan jobligha li l-EUI jara li jkun hemm fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex l-iproċessar tad-*data* personali jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/1725.

## **7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi divulgata?**

L-aċċess għad-*data* personali tiegħek jingħata lill-persunal tal-Kummissjoni responsabbli biex iwettaq din l-operazzjoni ta' pproċessar u lill-persunal awtorizzat skont il-prinċipju tal-ħtieġa ta' informazzjoni. Tali persunal jimxi ma' ftehimiet ta' kunfidenzjalità statutorji, u fejn meħtieġ, ma' ftehimiet addizzjonali ta' kunfidenzjalità.

Ir-riċevituri tad-*data* personali li tinsab fid-dokumenti trasferiti fl-arkivji storiċi jinkludu s-Servizz tal-Arkivji Storiċi tal-Kummissjoni, li jimmaniġġja l-arkivji storiċi, u kwalunkwe DG jew Servizz tal-Kummissjoni li jeħtieġ jikkonsulta dokumenti fl-arkivji storiċi għal skop kummerċjali leġittimu. Barra minn hekk, wara li jinfetħu għall-pubbliku, l-arkivji storiċi tal-Kummissjoni jiġu ddepożitati fl-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze, l-Italja, fejn jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

L-Istitut Universitarju Ewropew huwa organizzazzjoni internazzjonali. Għalhekk, id-depożitu tal-arkivji storiċi tal-Kummissjoni fl-EUI jinvolti trasferimenti ta' *data* personali lil organizzazzjoni internazzjonali rregolata mill-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725. Huwa meqjus li l-EUI jiżgura salvagwardji xierqa skont it-tifsira tal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2018/1725 abbażi tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- Skont ir-regoli regolatorji tiegħu u bħala strument vinkolanti intern, l-Istitut Universitarju Ewropew adotta d-Deċiżjoni tal-President Nru 10/2019 tat-18 ta' Frar 2019 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* fl-Istitut Universitarju Ewropew. Din id-Deċiżjoni tistipula li l-Arkivji Storiċi tal-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Istitut Universitarju Ewropew jaġixxu bħala proċessur għall-istituzzjonijiet tal-UE depożitanti u tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-governanza tal-protezzjoni tad-*data* fl-Istitut Universitarju Ewropew, fost l-oħrajn dwar id-disponibbiltà ta' drittijiet infurzabbli u rimedji legali għas-suġġetti tad-*data*.
- L-Istitut Universitarju Ewropew huwa marbut li jikkonforma mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* permezz tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija ("FPA") li ffirmat mal-Kummissjoni f'Marzu 2019 (u kwalunkwe verżjoni mġedda aġġornata kull 5 snin). Il-FPA (strument legalment vinkolanti u infurzabbli) jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* u jobligha lil-EUI jara li jkun hemm fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex l-iproċessar tad-*data* personali jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/1725 u jggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*.

Il-pubbliku jista' jikkonsulta l-arkivji storiċi tal-Kummissjoni ladarba dawn l-arkivji jkollhom tletin sena u bil-kundizzjoni li ma jaqgħux taħt waħda mill-eċċezzjonijiet għall-ftuħ tagħhom. Il-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu hija waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet speċifikati fir-Regolament dwar l-Arkivji, li tista' tipprojbixxi l-ftuħ ta' dokumenti arkivjati għall-pubbliku.

Hemm salvagwardji fis-seħħ biex jiġi żgurat li d-dokumenti li jkun fihom *data* personali sensittiva jew ma jiġux trasferiti fl-arkivji storiċi jew inkella ma jinfetħux għall-pubbliku. Madankollu, xi wħud mid-dokumenti li jsiru disponibbli għall-pubbliku jista' jkun fihom xi *data* personali ta' suġġetti tad-*data* li jkunu għadhom ħajjin. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tirrestrinġi l-konsultazzjoni ta' dawn id-dokumenti. Ir-restrizzjonijiet jistgħu jinkludu li l-aċċess jiġi pprovdut biss fi kmamar tal-qari mingħajr il-possibbiltà li jsiru kopji, li jiġi pprojbit l-użu mill-ġdid, li ma jkunx jista' jsir tiftix ta' test sħiħ ta' dokumenti diġitali jew diġitalizzati jew kwalunkwe miżura xierqa oħra.

Skont il-punt (13) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jirċievu *data* personali fil-qafas ta' inkjesta partikolari f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, ma għandhomx jitqiesu bħala riċevituri. L-ipproċessar ulterjuri ta' dik id-*data* minn dawk l-awtoritajiet pubbliċi għandu jkun f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* skont l-għanijiet tal-ipproċessar.

L-informazzjoni li niġbru fir-rekord tal-awditjar u d-*data* tal-fluss tax-xogħol, id-*data* dwar il-ġestjoni tal-aċċess u l-kontroll mhux se tingħata lil xi parti terza, ħlief sal-punt u għall-iskop li nistgħu nkunu obbligati nagħmlu dan bil-liġi.

## **8. X'inhuma jeddijietek u kif tista' teżerċitahom?**

Għandek drittijiet speċifiċi bħala "suġġett tad-*data*" skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14-25) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari d-dritt li taċċessa d-*data* personali tiegħek u li tirranġaha f'każ li d-*data* personali tiegħek ma tkunx eżatta jew ma tkunx kompluta. Għandek id-dritt li tħassar id-*data* personali tiegħek, li tillimita l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, li toġġezzjona għall-ipproċessar u d-dritt għall-portabbiltà tad-*data*, taħt ċerti kundizzjonijiet.

Ir-Regolament (UE) 2018/1725 jipprovdi eċċezzjonijiet għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* meta d-*data* personali tagħhom tiġi pproċessata għall-arkivjar fl-interess pubbliku. Dawn l-eċċezzjonijiet jinkludu:

- eċċezzjoni għad-dritt għall-informazzjoni, abbażi tal-Artikolu 16(5)(b) tar-Regolament, jekk l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* jkun impossibbli jew ikun jinvolvi sforz sproporzjonat, b'mod partikolari għall-ipproċessar għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku jew għal finijiet ta' riċerka storika;
- eċċezzjoni għad-dritt għat-tħassir, abbażi tal-Artikolu 19(3)(d), peress li dan x'aktarx jagħmel impossibbli jew ixekkel serjament il-kisba tal-oġġettivi tal-ipproċessar għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku li għalihom il-Kummissjoni għandha obbligu legali;
- eċċezzjoni għad-dritt li tinkiseb restrizzjoni tal-ipproċessar mill-kontrollur, abbażi tal-Artikolu 20(2), sa fejn l-ipproċessar jirrigwarda l-ħżin.

Barra minn hekk, l-Artikolu 25(4) tar-Regolament jipprevedi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti derogi mid-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* msemmija fl-Artikoli 17, 18, 20, 21, 22 u 23 għall-ipproċessar għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku. F'konformità mal-Artikolu 25(4), tali derogi huma stabbiliti b'deċiżjoni tal-Kummissjoni<sup>3</sup> li tistabbilixxi regoli interni dwar il-ġestjoni tad-dokumenti u tal-arkivji fil-Kummissjoni. Id-deċiżjoni tistabbilixxi derogi għad-drittijiet li ġejjin tas-suġġetti tad-*data* meta d-*data* personali tiġi pproċessata għall-arkivjar fl-interess pubbliku:

---

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2020) 4482 dwar il-ġestjoni tar-rekords u l-arkivji, li ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali bħala d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2121.

- id-dritt ta' aċċess tas-suġġett tad-*data* (l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1725)
- id-dritt għal rettifika meta d-*data* personali ma tkunx kompluta jew preċiża fir-rigward ta' suġġett tad-*data* (l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2018/1725)
- l-obbligu ta' notifika rigward ir-rettifika jew it-tħassir ta' *data* personali jew ir-restrizzjoni tal-ipproċessar (l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2018/1725)
- id-dritt ta' oġġezzjoni għall-ipproċessar (l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2018/1725)

F'konformità mal-Artikolu 25(4) u l-Premessa 33 tar-Regolament (UE) 2018/1725, kwalunkwe deroga mid-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jeħtieġ li tkun meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku. Id-derogi speċifikati hawn fuq huma meħtieġa biex jippermettu l-arkivjar fl-interess pubbliku u jippreservaw l-integrità tad-dokumenti magħżula għall-preservazzjoni permanenti, li huma obbligi statutorji li għalihom hija soġġetta l-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-għoti tad-dritt ta' aċċess mis-suġġett tad-*data* jinvolvi sforz amministrattiv sproporzjonat mill-Kummissjoni u jdgħajjef serjament il-funzjoni tagħha li tippreserva l-arkivji storiċi tagħha.

Dawn id-derogi huma soġġetti għall-kundizzjonijiet u s-salvagwardji msemmija fl-Artikolu 13 u l-Premessa 33 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tar-rekords u l-arkivji (C (2020) 4482), u se jiġu applikati wara valutazzjoni każ b'każ.

Meta inti tkun tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek fil-kuntest ta' operazzjoni ta' pproċessar speċifika waħda jew aktar, fit-talba tiegħek jekk jogħġbok ipprovdni d-deskrizzjoni tagħhom, jiġifieri r-referenza/i tar-reġistrazzjoni(ijiet) tagħhom kif speċifikat fl-Intestatura 10 hawn taħt.

## 9. Informazzjoni ta' kuntatt

### - **Il-Kontrollur tad-Data**

Jekk tkun tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, jekk għandek xi kummenti, mistoqsijiet jew xi tħassib, jew jekk tkun tixtieq tressaq ilment rigward il-ġbir u l-użu tad-*data* personali tiegħek, inti liberu tikkuntattja lill-Kontrollur tad-Data, SG.C1 fuq [sg-edomec@ec.europa.eu](mailto:sg-edomec@ec.europa.eu).

### - **L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni**

Tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 fuq: [DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu](mailto:DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu).

### - **Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

Għandek id-dritt għal azzjoni ta' regress, jiġifieri tista' tressaq ilment lill-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data permezz ta' [edps@edps.europa.eu](mailto:edps@edps.europa.eu) jekk jidherlek li d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 inkisru b'riżultat tal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek mill-Kontrollur tad-Data.

## 10. Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?

L-uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar tad-*data* personali mill-Kummissjoni, li jkunu ġew dokumentati u nnotifikati lilu. Tista' taċċessa r-reġistru bil-link li ġejja: <http://ec.europa.eu/dpo-register>.

Din l-operazzjoni ta' pproċessar speċifika ġiet inkluzja fir-reġistru pubbliku tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni bir-Referenza tar-reġistrazzjoni li ġejja: DPR-EC-00837.